# Proċeduri ta’ Arbitraġġ

Ċentru Dwar l-
Arbitraġġ ta’ Malta

## Arbitraġġ Domestiku

Ir-Raba’ Taqsima tal-Att dwar Arbitraġġ (Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta’ Malta) titratta l-mod kif jitmexxa arbitraġġ domestiku.

Ġeneralment, kull materja li hija s-suġġett ta’ tilwima tista’ tiġi deċiża permezz ta’ arbitraġġ. Madankollu, l-Att dwar l-Arbitraġġ jeskludi tilwim li jolqot kwistjonijiet tal-istat ċivili tal-persuna inkluż dak li jkollu x’jaqsam ma’ separazzjoni personali, divorzju jew annullament ta’ żwieġ. Iżda minkejja dan, kwistjonijiet li jkunu jirrigwardaw il-qsim ta’ proprjetà bejn il-miżżewġin jistgħu jiġu riferiti għall-arbitraġġ bla ħsara għall-approvazzjoni tal-qorti kompetenti tal-ftehim ta’ arbitraġġ u tal-arbitruli jkun ser jiġi maħtur (Artikolu 15(6) tal-Att dwar l-Arbitraġġ).

Fil-każ ta’ arbitraġġ domesiku, huwa fundamentali li dik parti li se tibda proċeduri ta’ arbitraġġ, għandha tippreżenta l-Avviż tal-Arbitraġġ lir-Reġsitratur taċ-Ċentru. sabiex dan jiġi notifikat lill-parti l-oħra. Jekk ma jsirx dan, kull proċedura u kull deċiżjoni li tingħata wara, għandhom ikunu nulli u bla ebda effett u d-deċiżjoni ma tkunx eżegwibbli.

L-Att dwar l-Arbitraġġ jipprovdi li d-deċiżjoni għandha tingħata bil-miktub u sakemm ma jkunx hemm proċedimenti li jistgħu jsiru kontra deċiżjoni skont d-dispożizzjonijiet tal-Att, id-deċiżjoni għandha tkun torbot lill-partijiet u l-partijiet għandhom jobdu dik id-deċiżjoni mingħajr dewmien.

Kull parti tista’ titlob lir-Reġistratur taċ-Ċentru biex issir reġistrazzjoni tad-deċiżjoni u dan skond il-provvedimenti ta’ Artikolu 72 tal-Att u malli d-deċiżjoni tkun ġiet reġistrata miċ-Ċentru, id-deċiżjoni ssir waħda konkluživa u vinkolanti u, barra minn hekk,ma tkunx tista’ tiġi kontestata. Infatti, mar-reġistrazzjoni miċ-Ċentru, deċiżjoni tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-iskopijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta’ Organizsazzjoni u Proċeudra Ċivili.

Ir-Raba’ Taqsima tal-Att dwar l-Arbitraġġ tagħmel referenza għar-Raba’ Skeda tal-Att li titratta dwar arbitraġġi mandatorji. Din l-Iskeda daħlet fis-seħħ f’Settembru tal-2004 u tipprovdi t-tip ta’ tilwim li huwa suġġett għall-arbitraġġ mandatorju u l-proċeduri applikabbli għalihom.

Iżjed minn hekk, ir-Regoli dwar l-Arbitraġġ (L.S. 387.01) huma wkoll applikabbli għall-arbitraġġ domestiku.